**MINN GĦAWDEX**



*ma'* **Charles Spiteri**



*Mons. Isqof Mario Grech flimkien ma' uħud mill-Għawdxin impenjati fil-mezzi ta' komunikazzjoni. Mix-xellug: jidhru Joe Grech, Salvu Felice Pace, il-Kav. Joe M. Attard u Charles Spiteri*

# Festa ta' San Franġisk de Sales

Fl-okkażjoni tal-festa ta' San Franġisk de Sales, Isqof ta' Ġinevra u Patrun tal-Ġurnalisti, Mons Isqof Mario Grech, nhar il-Ħamis 21 ta' Jannar qaddes għall-Ġurnalisti u Kittieba Għawdxin fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani, fi Triq Palma, ir-Rabat, Għawdex, fil-5.00 ta' fil-għaxija. Ikkonċelebraw ma' Mons. Isqof, Mons. Carmelo Scicluna u l-Kanonku Eddie Zammit. Il-lezzjoni nqrat minn Charles Spiteri waqt li l-offerti ttellgħu minn Salvu Felice Pace (Media Link) u Joe Grech (Union Print). L-animatur tal-quddiesa kien il-Kavallier Joe M.Attard. F'messaġġ tal-okkażjoni, Mons. Isqof tkellem fuq **iċ-Ċensura**: prinċipju Ewropew.

Beda biex qal illi f'kuntest soċjali bħal tagħna, fejn tinħass l-urġenza li tinfirex ħidma edukattiva tal-bniedem sħiħ, il-midja għandha sehem importanti għax hija strument li jista' jagħmel ħafna ġid f'din l-emerġenza edukattiva.

Mons. Isqof żied igħid illi meta l-ġurnalisti jħaddmu l-midja b'mod responsabbli, wieħed għandu jkun ħafna grat lejhom għax bil-kelma mitkellma jew miktuba, effettivament jinfluwenzaw ħafna fit-tiswir tal-individwu, tas-soċjetà u tal-kultura. Daqskemm l-midja tista' tgħin fit-tajjeb, daqshekk ieħor tista' tagħmel ħsara, speċjalment illum meta aħna m'aħniex edukati biex naqraw jew naraw b'mod kritiku.

Meta fis-soċjetà tagħna għaddej dibattitu dwar iċ-ċensura, Mons. Isqof Grech wera x-xewqa li jagħmel riflessjoni dwar "il-prinċipju ta' prekawzjoni" – kunċett li l-ewwel iddaħħal fid-Dikjarazzjoni ta' Rio wara l-*Earth Summit* fl-1992, imbagħad kien adottat mill-Unjoni Ewropea, l-ewwel fit-Trattat ta' Maastricht mbagħad fit-Trattat ta' Lisbona. Skond il-Kummissjoni Ewropea, a bażi ta' dan il-prinċipju, Mons. Isqof qal illi meta wieħed jissuspetta li oġġett partikulari jista' jkollu effetti perikolużi, huwa jista' jwarrab dak l-oġġett mill-idejn. Fi kliem ieħor, f'isem dan il-prinċipju, l-awtorità tintervjeni biex tirtira mis-soċjetà dawk il-prodotti li jistgħu jkunu ta' ħsara għal ħajja jew għall-ambjent. Min hu responsabbli mill-ġid komuni tenna Mons. Isqof, għandu l-fakultà li jwarrab dak l-oġġett li jista' jkun ta' theddid għal ħajja.

Fil-kuntest edukattiv lokali Mons. Isqof staqsa għaliex dan il-prinċipju ta' prekawzjoni li jintuża għall-prodotti normali, m'għandux



*Waqt il-Konċelebrazzjoni. Jidhru mix-xellug Mons. Carmelo Scicluna, Mons. Isqof Mario Grech u l-Kanonku Eddie Zammit*

jiġi applikat ukoll għall-prodotti tal-midja? Jekk ġustament illum aħna mħassbin dwar l-ekoloġija, għaliex ma nkunux daqstant ieħor imħasba dwar l-ambjent medjokri u l-ekoloġija umana? Ladarba huwa xjentifikament ippruvat li l-midja tista' tkun ta' dannu għas-saħħa psikoloġika u morali tal-bniedem, għaliex mhux aċċettabli li nħaddmu dan il-"prinċipju Ewropew"?

Mons. Isqof kompla jgħid illi għal dawk li jitnaffru meta jisimgħu bl-etika u l-Vanġelu, dan il-prinċipju mhux mislut mill-Katekiżmu, imma mil-leġiżlazzjoni Ewropea. Fid-dawl ta' din il-miżura protettiva, jidher li s-soċjetà tagħna ma tkunx tgħix "fis-snin tad-dlam" jekk illum tagħżel li jkollha awtorità bis-setgħa li tintervjeni biex trażżan dak li fid-dinja medjokri jista' jkun ta' dannu għal proċess edukattiv.

Mons. Isqof Grech fil-messaġġ tiegħu xtaq iwassal lill-istrutturi medjokri u lis-soċjetà, l-urġenza li wieħed jaġixxi biex jeduka lill-bniedem b'mod sħiħ biex forsi wieħed isib l-għerq ta' ħafna diffikultajiet, filwaqt li rrikonoxxa s-sehem validu tal-ġurnalisti f'dan il-proċess inkwantu li l-midja hija wieħed mill-edukaturi prinċipali, fl-istess waqt wissa Mons. Isqof, wieħed irid joqgħod attent biex ma jkunx hemm min b'mod irresponsabbli juża l-midja biex ifixkel dan il-proċess formattiv tal-bniedem.

Wara l-quddiesa, Mons Isqof tkellem mal-Ġurnalisti u Kittieba waqt riċeviment tal-okkażjoni, f' waħda mis-swali tal-Kunvent.



*Mons. Isqof Mario Grech waqt il-quddiesa tal-okkażjoni. Fuq l-artal miegħu jidhru l-Arċipriet Frankie Bajada (xellug) u Patri Joseph Magro Gwardjan tal-Patrijiet*



*Waqt il-qsim tal-kejk mill-anzjana Mari Ġwann Rapa. Jidhru fost oħrajn Fra Lorrie Zerafa u uliedha Marjanna (xellug) li tgħix Melbourne u Pawlu (lemin) li jgħix Għawdex*

# Quddiesa ta' Radd il-Ħajr

Nhar il-Ħadd 17 ta' Jannar, filgħodu, fil-Knisja ta' Sant'Antnin, f'Għajnsielem, Mons. Isqof Mario Grech, mexxa Konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr lil Alla, għal mitt sena ħajja ta' Mari Gwann Rapa. Ħadu sehem fost l-oħrajn l-Arċipriet tal-Parroċċa t'Għajnsielem, il-Kanonku Frankie Bajada u l-Kappillan tal-Parroċċa tal-Mġarr, Malta, il-Kanonku Antoine Borg.

Attendew fost l-oħrajn, uliedha li ġew apposta Għawdex, mill-Awstralja, Pankrazju (Sydney) u Marjanna (Melbourne), flimkien ma' uliedhom. Ma kienx possibbli għal binha Angelo (Sydney) li jkun ukoll Għawdex għal din il-festa, però xorta waħda kien magħqud spiritwalment u moralment mal-kommunità preżenti għal din l-okkażjoni ta' festa.

Għal din il-konċelebrazzjoni kienu preżenti wkoll il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, is-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said, il-Membri Parlamentari Frederick Azzopardi (PN), l-Avukat Anton Refalo (PL) u l-Avukatessa Justin Caruana (PL) kif ukoll is-Sindki tal-lokalitajiet t'Għajnsielem u tax-Xewkija, Francis Cauchi (PN) u l-Avukatessa Monica Vella (PL) rispettivament. Min-naħa tiegħu l-President ta' Malta l-E.T. George Abela bagħtilha bukkett ward.

Wara sarilha riċeviment fiċ-Ċentru Sant'Antnin.

Il-100 sena, Mari Ġwann għalqithom fil-15 ta' Jannar.

Għal dawn l-aħħar tmien snin, Mari Ġwann għexet f'Dar Porzuncola, l-Mġarr, Malta, dar immexxija mis-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù.



*Uħud minn dawk preżenti għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa ta' radd il-ħajr*

**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott** - *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
**PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***